MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Numru 945/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs.**

**Abraham Tahlu**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat **Abraham Tahlu**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Teklu u Ethiopia, mwieled Erithrea fl-1 ta' Dicembru 1987, u residenti c-Centru Miftuh, il-Marsa, maghruf b'numru tal-Pulizija 13G 029, akkuzat talli nhar it-22 ta' Awissu 2013, ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl (23.00hrs), gewwa Misrah is-Summit, Birzebbugia:

1. ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kidane Gebremedhn, numru tal-Pulizija 13G 204 skond kif

iccertifikat minn Dr. D. M. Spiteri M.D., numru mediku 2666 mill-Isptar Mater Dei *ai termini* tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. " CF 5 " – *a fol.* 13).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-parti leza jiddikjara li huwa kien lest jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u li kien lest li jaccetta l-apologija da parte tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa), l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u l-fatt li l-parti leza ddikjara li huwa kien qieghed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u li l-istess parti leza accetta l-apologija *da parte* tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Abraham Tahlu hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------